**<u>Tribunal Industrijali</u>**

**Decizjoni Numru: 2584**

**<u>Kaz Numru: 3379/AM</u>**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Alfred Agius**

**Vs**

**Tal-Maghtab Construction Co Ltd**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu, 2019**

**<u>Chairperson: Dr. Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)</u>**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Alfred Agius li permezz tieghu qed jitlob li jithallas ghal notice period kif ukoll jinghata kumpens xieraq ghat-tkeccija ngusta u ppremetta dan li gej:

Li l-impjieg tieghu gie terminat minghajr raguni valida u gustifikazzjoni u ghalhekk t-tkeccija tieghu kienet ingusta; li beda jahdem mas-socjeta' ntimata fuq kuntratt indefinit u kien ilu hemm full-time bhala Steel Fixer ghal circa hames snin; li fis-17 t'April b'mod arroganti r-Rapprezentant tas-socjeta' ntimata beda jghajjru u jipprovokah fuq kwistjoni ta' tnalja u spiccaw f'battibekk u dak il-hin huwa tkecca hesrem minn fuq ix-xoghol; li r-raguni li taw ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet 'on disciplinary grounds' pero' tali tkeccija qatt ma giet diskussa ; li s-socjeta' ntimata la trid tikkumpensah u lanqas trid thallsu n-notice money li kien dovut mis-17 t'April, 2015; li l-incident li sehh fuq ix-xoghol hemm haddiema ohra xhieda ta' dan; li s-socjeta' ntimata naqset li tonora l-obbligi legali taghha skond il-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta' ntimata li permezz taghha eccepew li r-rikors promotur huwa null stante li r-rikorrenti naqas milli jindika x'rimedju qed jitlob f'kaz li l-ilment tieghu jinstab li huwa gustifikat u dana stante li r-rikorrent qed jitlob lil dan

it-Tribunal 'jaghti decizjoni finali skond il-ligi' u qed jitlob li jithallas ghal notice period u kumpens xieraq ghat-tkeccija ngusta; li dak li qed itlob ir-rikorrent mhux indikat u wisq anqas ottenibli ai termini tal-Kap 452; li dan igib mieghu n-nullita tar-rikors promotur stante li dana t-Tribunal m'huwiex adit sabiex jaghti rimedju specifiku u r-rimedji li jista' jitlob r-rikorrent huma limitati skond l-Kap 452 izda r-rikorrent naqas milli jindika x'rimedju qed jippretendi; li t-talba kif imressqa mir-rikorrent hija tali li ggib fix-xejn ossija tinnewtralizza l-proceduri odjerni; li huwa bil-wisq ovvju li dawn il-proceduri huma ntizi sabiex jistabbilixxu jekk it-tkeccija ta' Alfred Agius kinitx gustifikata skond l-ligi jew le u f'kaz li jigi determinat li ma kinitx gustifikata l-istess Alfred Agius jista' jitlob jew li jigi ri-integrat fl-impjieg tieghu jew li jigi kkumpensat ghat-terminazzjoni ngusta; li li r-rikorrent qed jitlob li jigi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx gustifikata u fl-istess nifs qed jitlob li jithallas ghan-notice pero' u dawn huma talbiet kontradittorji stante li r-rikorrent qed jippretendi l-hlas tan-notice period meta t-terminazzjoni tal-impjieg saret ghal ragunijiet validi skond il-ligi li b'konsegwenza skatta d-dritt li jircevi hlas ghal notice period.  Meta huwa qed jitlob hlas ta' notice period qed jirrikonoxxi li effettivament t-terminazzjoni avverat ruhha ghal ragunijiet validi skond il-ligi li b'rizultat huwa ntitolat ghall-hlas tan-notice period. Ghalhekk it-talba tar-rikorrent kif ippostulata fir-rikors promotur hija tali li tannulla t-talba mplicita li t-tkeccija kienet wahda ngusta; li fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost t-terminazzjoni tal-impjieg ta' Alfred Agius averat ruhha ghal ragunijiet validi sond l-ligi inkluz insubordinanza, atteggjament vjolenti u aggressiv fil-konfront tad-dirigenti tal-kumpanija u abbuz verbali ta' natura gravi li flimkien kienu tali li jiggustifikaw t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu; li c-cirkostanzi li waslu ghat-terminazzjoni ma kienux incident izolat izda ripetuti u ghalkemm l-kumpanija ma haditx mizuri fil-konfront tieghu fil-passat, l-attegjament fl-ahhar incident kienu tali  li l-impjieg ta' Agius mall-kumpanija ma kienx aktar tenibbli u li ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra d-decizjoni preliminari ta' dan it-Tribunal diversament presedut tal-14 t'Ottubru, 2016, li permezz taghha dan it-Tribunal kien iddecieda billi cahad l-eccezzjonijiet preliminari ta' nullita tal-kumpanija ntimata u ordna l-prosegwiment tal-kaz.

**Provi socjeta' ntimata**

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2017, xehed **Raymond Sciberras** wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' ntimata li kkonferma li Alfred Agius kien jahdem mall-kumpanija u kien ilu jahdem maghhom xi sentejn jew tlieta.  Huwa spjega li filghodu kellhom argument fuq tnalja u huwa beda jghajjat u qallu li t-tnalja hija tieghu. Dan gara Birkirkara fuq l-lant tax-xoghol.  Filghodu kienu ser jibdew ix-xoghol kellhom l-konkos u kienu ha jaqbdu jorbtu xi hadid u talabhom it-tnalja u huwa mar gab it-

tnalja. Sciberras qallu mela t-tnalja hadtha mieghek? U skond l-istess xhud t-tnalja r-rikorrent kien hadha mieghu d-dar. Huwa beda jghajjat kif qallu hekk u qallu 'mela rqadt mikxuf u huwa rrispondih iva ghax irqadt ma' ohtok u beda joffendih bil-mara. Huwa mar ghalih u zammewh l-haddiema l-ohra u keccieh u qallu itlaq minn hawn u dan kien xis-7.30 ta' filghodu. Fil-ghaxija xit-3pm mar igib l-pagi u sab lil Agius fuq il-lant tax-xoghol tah l-pagi u huwa tah il-karti u qallu li dawn jatuhomlu l-ufficju. Meta huwa nizel minn gol-vann sejjer fejn l-haddiema Agius qallu jien rrid ghaxra bhalek u qallu niftahlek wiccek b'dan u kellu ponn tal-hadid. Wara filghaxija mar l-ghassa jaghmel rapport. Agius talbu jnizzel fit-termination form li gie redundant halli jkun jista' jirregistra u huwa cahad li jaghmel hekk. Huwa spjega li darba minnhom Agius kien telaq minn fuq ix-xoghol minghajr ma avzah, darb'ohra telaq minn fuq il-lant tax-xoghol bil-karozza u ghamel xi kwarta ma marx lura; u meta saqsih ghalfejn telaq huwa qallu li mar jixtri xi haga u qallu darb'ohra kellu javzah li sejjer jillarga minn fuq il-lant tax-xoghol. Huwa spjega li huwa kien l-Imghallem tar-rikorrent fuq il-lant tax-xoghol .

In kontro-ezami, meta suggerit lilu li r-rikorrent kien ilu hames snin jahdem mall-kumpanija huwa wiegeb li bl-amment ma jafx. Huwa mhux dejjem ikun prezenti fuq il-lant tax-xoghol u spejga li r-rikorrent xogholu kien ta' Shutter, jerfa' l-gebel u li jkun hemm bzonn. Il-hinijiet tax-xoghol tieghu mis-6.30 ta' filghodu sat-tlieta ta' wara nofsinhar u l-break mill-10 sal-10.30 ta' filghodu. Huwa spjega li meta r-rikorrent telaq bil-karozza minn fuq il-lant tax-xoghol dan kien xi l-11 ta' filghodu. Huwa kkonferma li lir-rikorrent gieli waslu sat-triq tal-Marsa wara x-xoghol. Huwa spjega li dakinhar tal-incident kienu qed jahdmu l-Fgura u r-rikorrent kellu t-tnalja tieghu li nsiha fuq it-trakk u t-trakk telaq u meta saqsa lil tat-truck dan qallu li ma sabx tnalji. Mistoqsi jikkonferma li lil Agius kien tah t-tnalja tieghu biex jahdem Sciberras wiegeb li t-tnalja kien tahielu u sal-gurnata ta' qabel Agius kien qed jahdem bit-tnalja tieghu. Huwa spejga li kull haddiem jiehu pjacir jahdem bl-ghodda tieghu halli hadd ma jmissielu. Huwa ammetta li warning qatt ma hargu lil Agius. Huwa kkonferma li proceduri bil-Qorti kontra Agius dwar l-incident mertu ta' dan il-kaz ma kienx hemm.

**Dokumenti esebiti mis-socjeta' ntimata (seduta 26 ta' Mejju 2017)**

Dok RS1 – rapport tal-pulizija

Dok RS2 - termination form

Dok RS3 - l-payslips tar-rikorrent minn 22 ta' Dicembru, 2014, sa l-24 t'April, 2015

Dok RS 4 - l-FS3 tar-rikorent ghas-sena 2015.

Ra li fis-17 ta' Novembru, 2017, s-socjeta' ntimata ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi.

**Provi rikorrent**

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017, xehed ir-rikorrent **Alfred Agius** li ilu jahdem mas-socjeta' ntimata ghal dawn l-ahhar hames snin u qatt ma gibdulu l-attenzjoni ghal xi haga gravi. Huwa spjega li l-incident gara l-Gimgha meta keccieh pero' l-Hamis l-gurnata ta' qabel huwa tah it-tnalja biex jahdem biha. Xogholu kien ta' construction u kien jaghmel kollox. Huwa l-Hamis hadem bit-tnalja u filghaxija kif lesta poggiha fil-garaxx s-soltu fejn kienu jpoggu l-ghodda u ma hadhiex id-dar. Il-Gimgha filghodu mar ghax-xoghol fis-7 ta' filghodu u dahal ghax-xoghol ha jibdew l-konkos u Raymond Sciberras mar jghajjat b'raghwa u ghajjat sfaccat fejn hi t-tnalja u meta qallu ghalfejn ha tghajjat mela rqadt mifxuf offendih u huwa offendih lura u ha rankatura kbira biex imur jaghtih u zammewh erbgha mill-haddiema ghax kieku kien ibiccirlu wiccu ghax hu cioe Sciberras huwa statura kbira mhux bhalu.

Agius jghid li meta Sciberras tah il-karti biex jitlaq huwa qallu li lest jitlaq u qallu li ma hemmx notice u offendih darbtejn u huwa ma offendihx lura u baqa' mieghu, l-Erbgha kellu jmur ghall-paga. Meta l-Erbgha mar ghall-paga huwa rega' beda jghajjat mieghu u qalu li ma hemmx notice. Meta t-Tnejn mar l-ETC huwa sab li ma setghax jirregistra minhabba r-rapport li ghamlet is-socjeta' ntimata. Huwa dam qieghed sena u ghaxar xhur u bhalissa qed jahdem bhala Delivery Man.

In kontro-ezami Agius ammetta li huwa accetta li jitlaq jekk jithallas tan-notice. Li huwa ma riedux jibqa' jahdem hemm b'sahha u li kieku baqa' hemm Sciberras kien ifarraklu wiccu. Huwa jammetti li rapport l-ghassa dwar l-incident ma ghamilx izda ghamlu Sciberras. Mitlub jammetti li darba minnhom Sciberras kien mar fuq il-lant tax-xoghol u ma sabux hemm Agius wiegeb li gara kien li l-arlogg tieghu u ta' Sciberras kellhom tlett minuti differenti u huwa kien jibda fuq l-arlogg tieghu u fuq l-arlogg tieghu kien jispicca mix-xoghol. U li ghalhekk meta Sciberras mar ifitxu fuq il-lant tax-xoghol il-hin tax-xoghol kien skada. Huwa kien jahdem sat-3pm u dakinhar hu kien baqa' fil-van x'hin qallu baqa' tlett minuti u mhux hmistax-il minuta, huwa urieh l-arlogg tal-mobile tieghu u baqghu hekk la si u lanqas no u l-ghada kompla x-xoghol. Huwa jichad li dan l-incident wassal ghat-tkeccija tieghu meta dan kien fuq tlett minuti. Huwa jichad li t-tnalja kien hadha d-dar u jispjega li t-tnalja gabilu l-garage u qabel ma telaq lejn id-dar tefaghhilhom minn isfel ghal fuq u jekk hadha jew ma hadhiex ma jafx. Sciberras skond Agius kien jaf li t-tnalja tefaghhilhom hemm cioe fil-garage ta' taht id-dar li kienu qed jibnu. Meta nqala' l-incident huwa mar igib t-tnajla u tefaghha lil Sciberras izda mhux ghal rasu u jispjega li tefahielu biex ma joqghodx jerga' jitla' mas-sellum.

Agius jammetti li telaq ghax huwa ma riedux u keccieh u kieku baqa' skond hu Sciberras kien ibiccru. Huwa jichad li kien hemm ponn tal-hadid jew li kellu ponn tal-hadid f'idu u qal li kieku verament kien hemm ponn tal-hadid Sciberras kien jaghmillu granzija. Huwa qatt ma ra ponn tal-hadid fuq il-lant tax-xoghol.

Huwa jaqbel li l-paga hadha u biex jithallas tal-leave kellu jistenna hmistax wara cioe paga wara biex jithallas tal-leave.

Fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2018, is-socjeta' ntimata ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi.

Il-partijiet itrattaw il-kaz.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Li din hija talba sabiex ir-rikorrent jithallas in-notice money u jinghata kumpens xieraq ghat-tkeccija ngusta tieghu.

Li mill-atti jirrizulta li r-rikorrent irrizenja mix-xoghol wara li gie ordnat jitlaq minn Raymond Sciberras wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' ntimata.

Jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien impjegat full-time mall-istess socjeta' ntimata bhala Steel Fixer u li l-impjegat gie terminat fis-17 t'April, 2015, u r-raguni moghtija mis-socjeta' ntimata 'dismissed on discipinary grounds'.

Li bhala paga Alfred Agius ir-rikorent kellu €475.26c gross kull hmistax u netti €428.66c. u l-ahhar payslip tieghu dik ta' bejn is-16 ta' Marzu, 2015, sas-27 ta' Marzu, 2015, turi dan.

Li Alfred Agius jikkontendi li kien ilu mpjegat mas-socjeta' ntimata ghal hames snin qabel gie terminat lilu l-impjieg fis-17 t'April, 2015. Is-socjeta' ntimata tramite Raymond Sciberras tghid li bl-amment ma tafx kemm kien ilu impjegat maghha Agius.

Illi mil-provi jirrizulta li kollox inqala' minhabba tnalja; li Agius qatt ma kellu warnings u li tkecca mix-xoghol dakinhar tal-incident minghajr ma nghata l-opportunita li jiddefendi lilu nnifsu. Huwa ma thallasx tan-notice money u dam qieghed sena u ghaxar xhur u minhabba r-raguni tat-tmiem tal-impjieg li taw is-socjeta' ntimata fit-termination form tieghu cioe dik ta' dismissed on disciplinary grounds huwa ma setghax jirregistra.

Illi meta wiehed jifli s-sekwenza tal-fatt kif gara l-incident fis-17 t'April, 2015, meta Agius kien suppost li jiehu hsieb li jkollu t-tnalja mieghu u dakinhar ma kinitx u kif Sciberras irrabja ghal dan tant li offenda lil Agius li offendih lura u wara li Sciberras pprova jagredixxi lil Agius qal lil Agius biex jitlaq cioe ma jibqax imur aktar ghax-

xoghol. Rapport l-ghassa sar minn Sciberras biss ma jirrizultax li ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent Alfred Agius.

Huwa thallas il-paga u l-leave li kien fadallu izda mhux in-notice money. Agius jippretendi kumpens ukoll ta' kemm dam bla xoghol.

Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent qatt ma kien jaf li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet ghal ragunijiet dixxiplinarji u dan sar jaf bih wara li l-impjieg tieghu gie terminat u mar biex jirregistra mall-ETC illum Jobsplus. Agius ghalhekk qatt ma kien f'qaghda li jista' jiddefendi ruhu b'mod xieraq l-allegazzjonijiet li kienet ghamlet is-socjeta' ntimata fil-konfront tieghu stante li huwa qatt ma gie nfurmat mis-socjeta' ntimata li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat ghal ragunijiet ta' dixxiplina. Jirrizulta wkoll li Agius qatt ma kellu warnings la verbali u lanqas bil-miktub sakemm dam fl-impjieg mas-socjeta' ntimata.

Dan it-Tribunal josserva li ebda dokumentazzjoni ma giet prodotta dwar il-perjodu li ghamel jahdem Alfred Agius mas-socjeta' ntimata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent Alfred Agius kienet ingusta u bi ksur tal-ligi u ghalhekk dan it-Tribunal qed jiddeciedi wkoll li fi zmien hmistax il gurnata mid-data ta' din id-decizjoni s-socjeta' ntimata ghandha thallas lir-rikorrent is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bhala kumpens liema kumpens ma jinkludiex in-notice money dovuta lir-rikorrent skond il-ligi li ghandhom jigu mhallsa lir-rikorrent fi zmien hmistax il gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**

**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**